MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 958/2001/1

**Patrick u Anna konjugi Bonanno**

**vs**

**Nicholas John u Antoinette konjugi Bateman**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Lulju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat il-21 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz tieghu l-aturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Ihallsu s-somma ta' erbat elef u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm4,025.00,0), oltre l-imghax legali u l-ispejjes legali rapprezentanti ta' prezz ta' Road Sweeper bin-numru ta' registrazzjoni FAJ 831, li giet mibjugha u kkonsenjata fit-30 ta' Settembru 2000;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-11 ta' Jannar tas-sena 2002 li permezz taghha eccepew is-segwenti:

1. Illi in linea preliminari l-konvenut Nicholas John Bateman huwa cittadin Ingliz li la jifhem, la jaqra, la jikteb u lanqas jitkellem bil-Malti, u ghaldaqstant il-konvenut imsemmi ghandu jircievi skond il-Ligi traduzzjoni fidila ta' l-Avviz li bih gie notifikat biex ikun jista' jirregola ruhu ahjar;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, il-konvenuti m'humiex fil-pussess tar-Road Sweeper bin-Numru ta' Registrazzjoni FAJ 831, u effettivament ilhom spussessati minnha minn Frar tas-sena 2001, wara incident li sehhilha, u fejn giet mizmuma deliberatament mill-istess atturi konjugi Bonanno;

3. Illi originarjament ir-Road Sweeper in ezami kienet tiswa hamest elef u hames mitt lira Maltin (Lm5,500), u meta akkwistawha l-konvenuti, hallsu depozitu akkont taghha ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) u allura l-bilanc dovut m'huwiex dak indikat fl-Avviz imma se mai kellu jkun ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) biss.

4. Illi pero' fi Frar tat-2001, l-Isweeper koncernata garrab incident u gie eventwalment mghoddi lura lill-atturi biex jirriparawh, fejn minkejja insistenza kontinwa da parti tal-konvenuti, l-atturi baqghu ma rreparaw xejn, u effettivament baqghu izommu r-Road Sweeper indikat fl-Avviz odjern;

5. Illi jigi ghalhekk li l-konvenuti mhux talli m'ghandhom jaghtu xejn lill-atturi, imma sejrin jghamlu kontro talba biex jitolbu l-hlas lura ta' l-elfejn lira Maltin

(LM2,000) illi thallsu bhala depozitu akkont fi Frar tas-sena 2001;

6. Illi fic-cirkustanzi, lanqs ma l-konvenuti m'ghandhom ihallsu xi mghax legali jew xi forma ta' spejjez legali, anzi sejrin jitlobu wkoll biex huma jithallsu l-imghaxijiet legali fuq l-ammont mghoti lill-atturi bhala depozitu akkont;

7. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri;

Rat il-kontro- talba tal-konvenuti li wkoll iggib id-data tal-11 ta' Jannar tas-sena 2002 li permezz taghha ppremetta u talab is-segwenti:

1. Premess illi l-konvenuti kienu xtraw mechanical sweeper minghand l-atturi ghall-ammont ta' hamest elef u hames mitt lira Maltin (LM5,500) liema konvenuti hadu pussess ta' dan ir-Road Sweeper indikat fl-Avviz fl-ewwel (1) ta' Ottubru, tas-sena elfejn (2000);

2. Peress illi sar qbil bejn il-kontendenti illi l-pagamenti kellhom isiru ftit ftit, ghadilli bhala depozitu akkont, il-konvenuti hallsu lill-atturi l-ammont ta' elfejn lira Maltin (LM2,000), u allura kien baqa' bilanc ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin (LM3,500) ul mhux kif eroneament imsemmi mill-atturi fl-Avviz taghhom;

3. Illi pero' fi Frar ta' l-2001, wara li l-konvenuti kienu ilhom juzaw is-second hand Road Sweeper ghal madwar erba' (4) xhur biss, l-imsemmi Road Sweeper zviluppa difett inkluz fil-breakijiet u fejn eventwalment l-atturi hadu lura r-Road Sweeper biex ikunu jistghu isewwuha;

4. Premess illi mhux talli l-attturi ma sewwewx ir-Raod Sweeper, imma oltre baqghu izommuha fil-pussess taghhom minkejja diversi talbiet da parti tal-konvenuti biex l-atturi ifittxu jsewwu din ir-Road Sweeper u jikkonsenjawha lura lill-konvenuti minhabba li l-konvenut Nicholas John Bateman ried juzha minhabba kuntratt illi kellu mal-Kunsill Lokali tal-Mellieha;

5. Illi meta l-konvenut Nicholas John Bateman ra illi l-atturi baqghu izommu r-Road Sweeper minghajr ma sewwewha, hu kien kostrett li jidhol fi spejjez mhux previsti biex jakkwista Road Sweeper iehor halli jkun jista' jonera l-obbligi kontrattwali tieghu mal-Kunsill Lokali tal-Mellieha bhala mechanical road sweeper;

6. Premess illi odjernament il-konvenuti m'ghandhomx jaghtu ebda ammonti ta' flus lill-atturi, lanqs imghaxijiet legali jew xi forma ohra ta' spejjez, imma qeghdin jesigu li jigu rimbursati lura l-elfejn lira Maltin (Lm2,000) li ga kienu thallsu, oltre l-imghaxijiet legali, kif ukoll jigu likwidati l-ispejjez kollha li l-konvenuti kienu kostretti jghamlu biex krew Road Sweeper ohra li eventwalment huma xtraw minghand certu Alex Fenech;

7. Jghidu l-atturi ghaliex huma m'ghandhomx ikunu ikkundannati sabiex:

a. Jirrimbursaw lill-konvenuti l-ammont ta' LM2000 li kienu thallsu depozitu akkont;

b. Ihallsu l-ispejjez kollha li l-konvenuti kienu kostretti li jaghmlu ghal kiri u x-xiri ta' Road Sweeper ohra;

c. Fi zmien qasir u perentorju ihallsu lill-konvenuti l-ispejjez kif hekk likwidati, oltre l-imghaxijiet kummercjali jew legali sal-pagament effettiv;

d. Jghamlu tajjeb ghal kwalsiasi forma ta' danni ohra kif hekk likwidati u kkagunati mill-istess atturi minhabba li zammew u ma sewwewx ir-Road Sweeper li originarjament kien inxtara mill-konvenuti pero' li gawdewh biss ghal madwar erba' xhur;

e. Jinghataw kwalsiasi provvedimenti opportuni li dina l-Qorti jidhrilha xieraq u gust illi taghti u tordna fic-cirkustanzi, a bazi tal-kontro-talbiet tal-konvenuti kif hawn fuq susepost;

8. Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenuti datata l-24 ta’ Jannar tas-sena 2002 li permezz taghha eccepew is-segwenti:

1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-atturi ma kkawzaw l-ebda danni lill-konvenuti;

2. Illi l-ispejjez li allegatament gew inkorsi mill-konvenuti saru minhabba n-non osservanza ta’ ftehiem li kellhom ma l-atturi u ghall-fatt li abbandonaw il-vettura, soggett ta’ din l-azzjoni, ma l-atturi;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

A: <u>Il-Versjoni Attrici</u>:

1. Illi l-konvenut Bateman avvicina lill-attur Bonanno bl-iskop li jixtri “road sweeper” minghandu;

2. Illi effettivament il-partijiet indikati fil-paragrafu precedenti irredigew skrittura privata datata t-30 ta’ Settembru tas-sena 2000 in atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius fejn ikkonsolidaw in-negozju taghom ;

3. Illi l-partijiet ftehemu li l-konvenut ihallas l-ammont ta’ elfejn Lira Maltin (LM2,000.00,0), fi flus kontanti u d-differenza ta’ tlett elef hames mija u hamsin

Lira Maltin, (LM3,550.00,0), kellu jhallashom sa' l-ahhar ta' Dicembru tas-sena 2000;

4. Illi jekk dan ma javverax ruhu l-partijiet ftehemu wkoll li allura l-imghax dovut jibda jiddekkorri mill-1 ta' Ottubru tas-sena 2001;

5. Illi effettivament l-elfejn Lira Maltin (LM2,000.00,0) gew moghtija lill-attur izda l-bilanc ghadu m'hux saldat u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

B: <u>Il-Versjoni tal-Konvenuti</u>:

1. Illi stante li l-konvenut beda jghamel xogholijiet ta' tindif ta' toroq kellu bzonn "road sweeper";

2. Illi wara li kkuntattja lill-attur u wara li ezamina makkinarju adegwat, il-konvenut xtara "road sweeper" minghand l-attur ghall-prezz ta' hamest elef u hames mitt Lira Maltin, (LM5,500.00,0);

3. Illi ftehemu li elfejn (Lm2,000.00,0) kellhom jithallsu meta l-makkinarju jghaddi ghand il-konvenut, kif fil-fatt sar;

4. Illi l-makkinarju malajr zviluppa difetti fil-"brakes" li konsegwenza ta' dan ma setghax jithaddem kif dovut;

5. Illi ghalkemm saru diversi tentattivi biex jitranga xorta baqa' difettuz;

6. Illi konsegwentement il-konvenuti qed jirribadixxu l-opposizzjoni taghhom ghat-talbiet attrici;

7. Illi in oltre, biex il-konvenut seta' jkompli x-xoghol tieghu kien kostrett jixtri makkinarju iehor in sostituzzjoni ta' dak in dizamina;

8. Illi d-danni sofferti mill-konvenut in konsegwenza ta' dan jammontaw komplessivament ghal elfejn, seba' mija u tlieta u sittin Lira Maltin u hamsa u erbghin

centezmu, (Lm2,763.45,0), kif jirrizulta mid-dokumenti annessi a fol 36 – 38;

Ikkonsidrat:

Illi l-origini kollu tal-problematika in dizamina hi l-ghoti ta' makkinarju inadegwat li ma ippremettiex lill-konvenut ikompli bix-xoghol tieghu kif mixtieq u n-nuqqas da parte tal-attur li jirripristina l-istess makkinarju biex jippermetti lill-konvenut ikompli b'xogholu;

Illi ghalhekk hu inutili li l-attur jitlob il-kumplament ta' l-ammont indiakt fl-iskrittura minnu pprezentata;

Illi jirrizulta assodat ukoll li d-danni rekati mill-konvenut huma direttament naxxenti u ikkollegati ghall-atitudini bruska ta' l-attur li ghadda makkinarju difettuz lill-konvenut u sussegwentement anke rrifjuta li jsewwieh;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrispingi t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet attrici ghall-kontro-talba tal-konvenuti, takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-kontro-talbiet tieghu u tikkundanna lill-atturi Patrick u Anna Bonanno biex jirritornaw l-elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0) originarjament mghoddija lilhom a bazi ta' l-iskrittura privata datata t-30 ta' Settembru tas-sena 2000, u li inoltre ihallsu l-ammont ta' elfejn u seba' mija u tlieta u sittin Lira Maltin, (LM2,763.00,0), lill-atturi Nicholas John u Antoinette konjugi Bateman, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi."

L-atturi appellaw minn din is-sentenza bl-aggravji f'dawn it-termini:-

1. L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti. Huma jissottomettu illi dik il-Qorti askriviet il-fonti tal-problema ghall-bejgh ta' makkinarju inadegwat meta in effetti kellha taghti konsiderazzjoni ghall-fatt tal-incident li fih kien involut ir-road sweeper meta dan kien fil-pussess tal-appellati.

2. L-ewwel Qorti mhux biss naqset li tinterpreta sew l-iskrittura ta' bejgh tat-30 ta' Settembru 2000, li fil-verita`, jikkontendu, din kienet kostituzzjoni ta' debitu. Izidu jsostnu illli fil-kontro-talba ma saret l-ebda talba ghar-rexxissjoni tal-bejgh tal-makkinarju.
3. Jissottomettu finalment illi l-ewwel Qorti ma kellhiex takkollalhom responsabilita` ghad-danni kagjonati mill-appellati nfushom fl-incident surreferit.

Ghandu jigi qabel xejn rilevat illi f'din il-kawza gew prodotti biss provi mill-kontendenti. Dan fis-sens ta' provi valevoli in kwantu x-xiehda tan-Nutar Dr. Antoine Agius (fol 41) u Karmenu Agius (fol 42) ftit li xejn hallew impatt ghall-finijiet tad-determinazzjoni tal-vertenza.

L-attur appellant (fol 22) jghid li hu kellu road sweeper li gja kien intuza fuq lantijiet tax-xoghol. Gie avvicinat mill-konvenut li thajjar jakkwistah, qablu fuq il-prezz (Lm5,500), irceva parti mis-somma (Lm2,000) u saret l-iskrittura ta' ftehim (fol 25). Zied jaggungi illi l-konvenut ha konsenja tar-road sweeper, beda jahdem bih, irrangalu xi hsarat li nqalghu fih waqt il-kors tal-hidma tieghu, u wara incident koinvolgenti l-istess makkinarju l-konvenut gabulu ghat-tiswija. Huwa accetta li jsewwi, informa lill-konvenuti bl-ispiza tat-tiswija izda l-konvenut baqa' ma giex lura biex jikkonfermalu li kien accettaha. Jghid ukoll illi l-konvenut talbu biex ibeghlu road sweeper iehor u qallu wkoll li hu ma riedx aktar dak li kien precedentement xtara. Talbu wkoll biex jikrielu road sweeper izda billi dan ma setax jaghmlu assista lill-konvenut biex jakkwista b'kera road sweeper minghand terzi.

Minn naha tieghu l-konvenut (fol 32) jistqarr li hu ried jixtri road sweeper billi nghata l-kuntratt ta' tindif tat-toroq mill-Kunsill Lokali tal-Mellieha. Permezz ta' terza persuna gie f'kuntatt mal-attur, ittestja r-road sweeper li hu sab "in good working order apart from the brakes system", iddecieda li jixtrih u wasal f'akkordju mal-attur dwar il-prezz. L-attur ippromettielu li jirripara l-brakes pero` dawn baqghu ma gewx rimedjati. B'danakollu hu xorta wahda ha konsenja tar-road sweeper fl-1 ta' Ottubru 2000 u hadem bih. Fil-15 ta' Frar 2001 l-isweeper kien involut

f’incident li rrendieh mhux tajjeb ghax-xoghol jekk ma jsirulux tiswijiet. Huwa hadu ghand l-attur ghal dan l-iskop pero` nonostante li kien accetta li jsewwi t-tiswijiet baqghu ma sarux. F’dan l-istess perijodu l-attur kien jinsisti mieghu ghall-hlas tas-somma bilancjali tal-prezz tal-bejgh. Meta ra li l-attur baqa’ ma ghamelx ir-riparazzjonijiet hu kera road sweeper minghand terzi, eventwalment mixtri minnu wkoll. Huwa allura jippretendi rizarciment ta’ danni konsistenti fil-kiri tar-road sweeper sostitut, b’dan illi “I do not need the road sweeper in question as I was forced to buy another road sweeper after spending so much money for buying a substitute” (fol 33).

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, mill-fatti premessi, meta dawn jittiehdu materjalment flimkien, ghandhom jitnisslu dawn il-konsiderazzjonijiet, li obbjettivament u ragonevolment kellhom jigu rigwardati mill-ewwel Qorti:-

1. Fl-ewwel lok iridu jinzammu distinti z-zewg rapporti guridici intervenuti bejn il-partijiet, jigifieri dik ta’ bejgh tar-road sweeper u dik tar-riparazzjoni tieghu.
2. Il-bejgh jirrizulta li gie perfezzjonat kif irid l-Artikolu 1347 tal-Kodici Civili. Fil-fatt saret ukoll it-“traditio” tal-oggett lix-xerrej. Gja minn qabel ma sar il-bejgh u ha konsenja tar-road sweeper il-konvenut kien ghamel il-prova tieghu u sab li kien tajjeb u ‘in good working order’. B’hekk jista’ jinghad illi l-obbligazzjoni naxxenti mill-ftehim kienet wahda bilaterali (Ara “**Pace Bonello –vs- Hayward**”, Appell Civili, 7 ta’ Marzu 1966).
3. Huwa minnu li l-attur qua venditur ippromettielu li jsewwi l-brakes tal-oggett vendut. Dan pero` ma jfisserx illi ma kienx hemm approvazzjoni tal-bejgh. F’kaz bhal dan jista’ jinghad illi l-bejgh kien akkumpanjat bil-garanzija jew weghda espressa tat-tiswija, izda ma ghandux ifisser, kif hekk jippretendu l-appellati, illi huma jikkonsidraw ruhhom mahlula minn kull ftehim mal-appellanti u l-bejgh rizolut bid-decizjoni unilaterali u soggettiva biss taghhom. Ara a propozitu l-Artikolu 1351 tal-Kodici Civili u d-decizjoni fl-ismijiet “**George Henry Martin et –vs- Maestro Paolo Nani**”, Appell Civili, 22 ta’ Mejju 1967.
4. Tajjeb ukoll li jigi mizmum in mira illi l-oggett vendut kien ‘second hand’. F’kaz bhal dan ta’ bejgh sekonda

man huwa pacifiku illi “fin-nuqqas ta’ provi sufficjenti jekk l-oggett kienx tajjeb jew le fil-mument tal-konsenja wiehed ghandu jimxi fuq dak li jkun verosimilment fl-intenzjoni tal-partijiet fil-mument tal-ftehim; u hu ghalhekk gust u logiku li jinghad li, meta l-oggett gie kwalifikat bhala “tajjeb”, dik il-kelma fl-intendiment tal-kontraenti, u skond il-logika guridika, kellha u ghandha tiftiehem fis-sens li l-oggett kellu jkun tajjeb “sa fejn jista’ jkun tajjeb oggett sekonda man bil-prezz li jkun inxtara” – “**George Portelli –vs- Vittoria Grima**”, Appell Civili, 27 ta’ Mejju 1957. Il-kelma ‘sekonda man’ hi decizament kontrapposta ghall-kelma ‘gdid’ ghal dak li hu uzu tal-oggett. Ara f’dan is-sens decizjoni fl-ismijiet “**Pietru Mifsud –vs- Paolo Nani nomine**”, Appell Civili, 19 ta’ Awissu 1966.

5. Il-Qorti tinnota wkoll illi ma ngiebet l-ebda prova illi l-incident subit mill-appellati fil-15 ta’ Frar 2001 kien ir-rizultat dirett ta’ xi gwast jew avarija fl-oggett mixtri. Kif lanqas ma jirrizulta illi l-“imperfezzjoni” fil-brakes li ma ssewwietx nehhiet l-attitudni ghall-uzu u l-integrita` tar-road sweeper. Effettivament l-appellati hadmu bih ghal diversi xhur sakemm sehh l-incident li mal-fatt tan-nuqqas ta’ tiswija tal-brakes ma kellu l-ebda rapport ta’ kawza u effett.

6. Mil-lat procedurali l-Qorti tinnota wkoll illi fil-kontro-talba taghhom il-konvenuti appellati ma talbux ir-rizoluzzjoni tal-bejgh. Jinsab affermat illi “x-xerrej li jrid ir-restituzzjoni tal-prezz ghal kwalsiasi raguni ghandu dejjem jitlob ir-rizoluzzjoni tal-bejgh ghaliex ir-restituzzjoni tal-prezz hi konsegwenza tar-rizoluzzjoni tal-bejgh” (**Vol XXXI pIII p238)**.

7. Il-konkluzjoni li ghandha tingibed mis-suesposti konsiderazzjonijiet hi, kif din il-Qorti hekk jidhrilha, illi l-kuntratt ta’ kompravendita` sar u gie konkjuz. Il-konvenuti appellati ghalhekk ma jistghux jizvinkolaw ruhhom mill-hlas bilancjali tal-prezz pattwit u l-VAT fuqu. Il-fatt tan-nuqqas ta’ riparazzjoni tal-brakes u n-nuqqas ta’ tiswija tad-danni naxxenti mill-incident imsemmi ma jistax jivvalora lill-konvenuti appellati minn dak dispost fl-Artikolu 1385 tal-Kodici Civili relattiv ghal mankata konsenja tal-haga.

8. Ir-ritard involut fl-ezekuzzjoni tad-debiti riparazzjonijiet necessitati wara l-incident ma ghandux

rapport dirett mal-bejgh ‘ut sic’. Kien ikun divers kieku r-ritard kien abbinat mal-konsenja tal-oggett ghax allura f’dak il-kaz, una volta verifikat li dewmien kien hemm u dan kien kolpuz ix-xerrej kien ikollu kull dritt jikkonsidra ruhu mahlul mill-obbligazzjoni. Dan ma huwiex il-kaz hawnhekk, u allura l-Qorti ma tarax kif tista’ taccetta l-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti illi l-konvenut ma setax ikompli bl-operazzjonijiet tieghu minhabba inidoneita` jew inadegwatezza tal-oggett tal-bejgh. Il-konvenuti appellati konsegwentement ma humiex intitolati jirrecedu mill-ftehim.

9. Dan premess, din il-Qorti ma tistax minn naha l-ohra tinjora l-fatt illi l-atturi appellanti naqsu, una volta kien hemm l-accettazzjoni taghhom, milli jikkonducu r-riparazzjonijiet necessarji. Huwa minnu illi l-ebda zmien preciz ma gie stabbilit ghar-riparazzjonijiet. Ciononostante huwa pacifiku illi allavolja ma jkunx hemm zmien pattwit il-fatt tar-ritard fl-ezekuzzjoni jew l-assenza totali tal-ezekuzzjoni tat-tiswijiet, kif inhu dan il-kaz, tista’ taghti lok ghad-danni, dak li wkoll qed jitolbu l-appellati fil-kontrotalba taghhom. Dan anke ghaliex huwa prezunt illi l-obbligazzjoni li wiehed jintrabat biha ghandha tigi ezegwita fi zmien ragjonevoli.

10. Fil-kaz de quo jirrizulta illi r-road sweeper gie konsenjat lill-attur appellant ghat-tiswija fl-1 ta’ Marzu 2001 (ara deposizzjoni tal-konvenut rikonvenzjonant a fol 33). Jirrizulta wkoll illi l-attur baqa’ ma sewwiex tant li l-konvenut htieglu jikri makkinarju konsimili minghand terzi. Mid-dokumenti esebiti minn fol 36 sa fol 38 jirrizulta illi l-perijodu tal-kiri ta’ road sweeper sostitut kien jestendi mis-26 ta’ Marzu 2001 sal-31 ta’ Mejju 2001. Il-Qorti tara li bejn l-1 ta’ Marzu 2001 u s-26 ta’ Marzu 2001, data li fiha bdiet il-kirja kien zmien ragjonevoli biex l-attur jadempixxi ruhu mal-obbligu minnu assunt biex jikkonduci r-riparazzjonijiet necessarji. In-nuqqas tieghu ghandu allura jitqies kolpuz u jirrendih passibbli ghad-danni kif mitlub.

Stabbilti ghalhekk dawn ic-cirkostanzi kollha ta’ fatt u ta’ dritt, procedurali u sostantiv, din il-Qorti ssib illi l-ewwel aggravju huwa gustifikat u l-ewwel Qorti ma setghetx tikkonsidra u tikkonkludi l-bejgh rizolut fuq il-bazi tal-assunt taghha. Ugwalment pero` ssib illi l-konvenuti

appellati ghandhom ragun fit-talba taghhom ghad-danni. Konsegwentement billi wiehed mill-estremi tar-rikonvenzjoni jikkonsisti fl-"eliminazione reciproca delle due domande", (**Vol XXVII pI p895**) ser tghaddi biex tapplika l-kompensazzjoni gudizzjali.

Skond l-iskrittura datata 30 ta' Settembru 2000 il-konvenuti appellanti obbligaw ruhhom li sal-31 ta' Dicembru 2000 ihallsu l-ammont bilancjali ta' tliet elef u hames mitt lira (Lm3500) u l-VAT fl-ammont ta' hames mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm525), b'kollox erbat elef u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm4025). Jinghad ukoll fiha illi fin-nuqqas ta' pagament sad-data stabbilita jiddekorru nteressi ta' tmienja fil-mija (8%). Naturalment dawn l-interessi jridu jigu komputati fuq is-somma kapitali. Aritmetikament dawn igibu s-somma ta' seba' mija u tlieta u disghin lira (Lm793). Li jfisser li l-ammont totali issa jaqra erbat elef tmien mija u tmintax il-Lira (Lm4818). Kontra din is-somma l-atturi appellanti ghandhom ghall-motivi suesposti jirrizarcixxu f'danni s-somma ta' elfejn seba mija tlieta u sittin lira, hamsa u erbghin centezmu (Lm2763.45,0). B'hekk l-ammont nett bilancjali li l-atturi appellanti huma ntitolati jircievu huwa elfejn erba u hamsin lira, hamsa u hamsin centezmu (Lm2054.55,0). S'intendi l-konvenuti appellati ghandhom jinghataw ir-road sweeper li jidher li ghadu fil-pussess tal-atturi appellanti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tirrevoka s-sentenza appellata tiddisponi mit-talba tal-atturi appellanti u mill-kontro-talba fis-sens li in vista tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula tikkundanna lill-konvenuti appellati jhallsu lill-atturi appellanti s-somma bilancjali ta' elfejn erba u hamsin lira Maltija, hamsa u hamsin centezmu (Lm2054.55,0) korrispondenti ghad-differenza bejn l-ammont tal-prezz bilancjali tal-oggett vendut, maghduda wkoll f'din is-somma l-interessi sal-lum, u l-ammont tad-danni reklamati mill-appellati. Il-konvenuti appellati huma awtorizzati minn issa jiehdu lura fil-pussess taghhom ir-road sweeper minn kull fejn jinsab u l-atturi appellanti huma obbligati jassistuhom biex jintlahaq dan l-iskop. Il-hlas tas-somma fuq indikata u kull imghax ulterjuri fuqha

ghandu jsir simultanjament mat-tehid tar-road sweeper li f'kull kaz ghandu jsir zmien gimghatejn mil-lum.

In vista tac-cirkostanzi partikolari f'dan il-kaz l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------